KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN 1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

8 ta' Frar 2011

**Minuti tal-Laqgha Annwali tal-Lokalita'tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Il-Laqgha Annwali tal-Lokalita' nzammet nhar il-Hamis 20 ta' Jannar 2011 fis-7.15pm. Ghal-Laqgha Annwali tal-Lokalita' tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti s-Sindku Nigel Holland, il-Vici-Sindku Franco Davies, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, il-Kunsillier Edward Torpiano u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv K. Brincat assistit mill-iskrivana E. Theuma. L-attendenza kienet ta' madwar 12-il persuna.

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

Is-Sindku beda l-laqgha billi spjega l-iskop ta' din il-laqgha li huwa li l-Kunsill jispjega lir-residenti dwar x'sar fil-lokalita' fis-sena precedenti u jaghti indikazzjoni ta' x'inhuma l-pjanijiet tal-Kunsill ghas-sena sussegwenti, kif tkun ser tigi riflessa fl-estimi annwali u li hija okkazjoni biex ir-residenti iressqu xi suggerimenti jew ilmenti li jkollhom.

Is-Sindku kompla billi jghid li l-fondi tal-Kunsill Lokali probabilment ser jonqsu minhabba l-approvazzjoni ta' qsim ta' Malta f'regjuni li se ggib maghha bidla radikali fis-sistema tal-infurzar lokali kif ukoll minhabba li l-allokazzjoni tal-Kunsill ghal din is-sena kienet inqas minn dik tas-snin precedenti.

Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-Vici-Sindku Franco Davies, lill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, lill-Kunsillier Edward Torpiano u lill-Kunsillier Vincent Borg sabiex jaghtu rendikont tal-hidma taghhom matul din l-ahhar sena.

**1.0 IL-VICI-SINDKU FRANCO DAVIES**

Il-Vici-Sindku fetah id-diskussjoni billi ta rendikont ta' dak li sar matul din is-sena f'kull qasam tal-karigi tieghu:-

*1.1* *Turizmu*

Rigward it-turizmu huwa beda billi qal li l-prodott turistiku tal-Floriana kien ha spinta l' quddiem minhabba diversi attivitajiet li gew organizzati fil-lokalita' matul is-sena li ghaddiet u anke minhabba li permezz tal-attivita' gdida ta' Genna ta' Gonna... u hafna aktar!!! gew esposti hafna postijiet storici bhal per ezempju l-kripta tal-Kapuccini, ecc. Huwa kompla jghid li l-Kunsill kien qed jahdem biex izid tliet mapep kbar madwar il-lokalita' li ser jitwahhlu f'punti strategici. Zied ukoll isemmi l-progett tal-Floriana Heritage Trail kif ukoll l-information panels li twahhlu quddiem diversi postijiet t'interess u li jikkontjenu hafna informazzjoni interessanti dwar kull post. Huwa kompla jghid li l-Kunsill kien ha l-inizjattiva biex iqabbad fotografu biex jittiehdu ritratti professjonali tal-lokalita' u li gew uzati fil-ktejjeb tal-Floriana Heritage Trail kif ukoll f'wirja li ttellghet fid-Dar tal-Kunsill Lokali. Il-Vici-Sindku zied jghid li dawn l-isforzi taw rizultat tajjeb minhabba li fl-ahhar gimghat kien anke gie avvicinat minn kumpanija privata li wrew interess jiehdu filmati ta' 360 gradi ta' postijiet t'interess fil-Floriana li ser jintuzaw fi progett interessanti u li ser jghin biex ikabbar l-gharfien tal-postijiet t'interess mistura fil-lokalita'.

*1.2* *Sahha*

Rigward din il-materja huwa sostna li l-Kunsill kien ghen hafna lill-Isptar Sir Paul Boffa billi pprovdilhom ammont ta' spazji ta' parkegg li huma t'uzu esklussiv ghall-pazjenti taghhom biss. Huwa kompla billi jghid li kien zdied l-ammont ta' spazji ta' parkegg ghall-persuni b'dizabbilta' fi Triq Sant'Anna u fakkar fil-progett tal-platform lift li kien qed isir mal-faccata tad-Dar tal-Kunsill. Dan il-progett kien kwazi tlesta u kien ser jghin biex ikun hemm access iktar facli ghall-persuni b'dizabbilta'. Huwa temm billi qal li kien qed jahdem ukoll fuq il-latrini pubblici minhabba li jifhem li hemm bzonn ta' manutenzjoni u ristawr kbir u ghalhekk kien qed jigbor kwotazzjonijiet biex dawn ikunu jistghu jigu rrangati fl-iqsar zmien.

1.3 *Kura ghall- anzjani*

Rigward din il-materja, il-Vici-Sindku informa li kien ser jibda' x-xoghol fit-toilets tal-Floriana Senior Citizens minhabba li dawn kellhom bzonn kbir ta' alterazzjoni biex ikunu accessibbli ghal kullhadd. Huwa kompla billi qal li kien ha l-inizjattiva jikkuntattja lill-Transport Malta biex jitlobhom jestendu s-servizz tas-CT cabs ghal 2 punti ohra fil-Floriana ghall-facilita' tar-residenti.

1.4 *Harsien tal-annimali*

F'dan il-qasam, il-Vici-Sindku informa li f'din l-ahhar sena kien ghen biex l-SPCA taghmel kampanja edukattiva fl-iskejjel dwar il-kura tal-annimali. Huwa kompla billi jghid li l-Kunsill kien ha hsieb jipprovdi bins apposta hdejn il-Waterfront ghall-uzu tal-karozzini li kien hemm.

1.5 *e-Councillor*

Rigward dan, huwa informa li kien hadem mal-Ministeru tal-Komunikazzjoni u mal-MCA biex jigu pprovduti wi-fi hotspots b'xejn f'uhud mill-pjazez tal-Floriana. Huwa zied ifakkar li kienet anke ttiehdet inizjattiva li jittellghu siti tal-

internet kemm tal-Kunsill kif ukoll dwar l-attivitajiet principali li jorganizza, fosthom ic-Celebrazzjoni ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena u l-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

## 2.0 IL-KUNSILLIERA SANDRA SAMMUT HILI

Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili fethet id-diskussjoni billi rringrazzjat lil kull min attenda ghal din il-laqgha filwaqt li kompliet billi tat rendikont tal-hidma taghha fil-Kunsill. Din hija lista fil-qosor tax-xoghlijiet li l-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ghamlet f'dan il-kunsill relatati mal-karigi taghha u li gew ikkoordinati minnha.

### 2.1 *Edukazzjoni*

F'dan il-qasam, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili spjegat li ghal darb'ohra saru korsijiet tal-kompjuter *E-Tfal* bla hlas ghat-tfal furjanizi. Inghataw ukoll pakketti ta' kotba lit-tfal tal-Iskola Primarja sabiex jitqassmu fil-Prize Day. Hija ziedet tghid li din is-sena, l-Kunsill kien ghen biex isir hasil bil-power wash mal-faccata tal-bini tal-iskola u li kien anke ta spazju lit-tfal tal-eko-skola waqt programm tar-radju mtella' mill-Kunsill biex jitkellmu dwar din il-materja.

### 2.2 *Ugwaljanza u l-Avvanz tal-Mara*

Rigward dan il-qasam, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili tkellmet dwar id-diversi attivitajiet li organizzat ghan-nisa matul din is-sena, fosthom hemm:-

- Harga f'Jum l-Omm u f'Jum il-Missier
- Harga ghal Ghawdex
- Gurnata Little Armier
- Harga lin-nisa darba fix-xahar
- Ikla fil-Milied
- Harga ghal Ghawdex mal-Floriana FC
- Diversi attivitajiet an nisa fosthom coffee morning

### 2.3 *Utilitajiet u servizzi*

Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili kompliet billi semmiet diversi tiswijiet li saru matul is-sena filwaqt li fuq talba tar-residenti, sar bdil ta' central hangings fi Triq is-Suq c/w Triq l-Imhazen kif ukoll kienet saret zieda ta' zewg fanali ornamentali fil-Housing Estate minhabba nuqqas ta' dawl. Hija kompliet billi qalet li kienu anke zdiedu rubbish bins hdejn id-dressing room tal-Floriana Nursery u kienu saru l-manutenzjonijiet necessarji tal-planters fi Triq l-Imhazen.

### *2.4 Zghazagh u Sport*

Rigward din il-kariga, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili kompliet billi qalet li waqt attivita' organizzata mill-MOC, il-Floriana regghet giet ikklassifikata fit-tielet post. Ghal darb'ohra kien sar ukoll il-Kids Athletics Festial li ttella' konguntament mal-Kumitat Olimpiku Malti u mal-Floriana Nursery. Il-

Kunsilliera Sammut Hili ziedet tghid li din is-sena gew organizzati diversi korsijiet ohra fosthom dak tal-ghawm fil-pixxina nazzjonali kif ukoll korsijiet tal-aerobics, pilates u general fitness li ntlaqghu tajjeb mir-residenti Furjanizi u li kienu wkoll bla hlas. Hija kompliet billi tghid li kien tlesta l-progett kbir tal-picc sintetiku u kienet hadet hsieb li jigi organizzat tournament 5-aside. Hija temmet billi tghid li flimkien mal-Kunsillier Vincent Borg, kienet ghenet biex tigi organizzata maratona ta' darts u drafts fid-Dar tal-Kunsill li l-qliegh taghha mar kollu ghall-Community Chest Fund u rringrazzjat lill-Kunsillier Edward Torpiano tal-hin twil li kien iqatta' biex din il-maratona tkun possibbli.

## 3.0 IL-KUNSILLIER EDWARD TORPIANO

Il-Kunsillier Edward Torpiano beda billi spjega l-karigi li gew moghtija lilu f'dan il-Kunsill filwaqt li spjega x'sar matul din is-sena f'kull qasam tal-karigi tieghu.

### 3.1 *Gemellaggi*

Il-Kunsillier Edward Torpiano tkellem dwar il-koordinazzjoni tieghu waqt il-gemellaggi li saru ma' Macerata kif ukoll ma' Kercem – Ghawdex. Huwa semma wkoll il-kuncert li ttella' ghall-ewwel darba bl-isem ta' Tune n' Concert. Huwa kompla billi qal li l-kuntatti ma' Macerata u Kercem kienu ghadhom b'sahhithom, fil-fatt kienet inghatat ic-cittadinanza onorarja lill-ex Sindku ta' Macerata u lill-Carla Compagnoni Floriani.

### 3.2 *Ambjent u Indafa Pubblika*

Rigward dan il-qasam il-Kunsillier Edward Torpiano spjega li hu personalment jaghmel diversi kuntatti mal-kuntrattur kemm tat-tindif tat-toroq kif ukoll tal-gbir ta' skart domestiku.

### 3.3 *Housing u MEPA*

Rigward dan il-Kunsillier Torpiano nforma li kien f'kuntatt mal-enforcement officers tal-MEPA li fil-jiem li gejjin kienu ser jiehdu azzjoni dwar zviluppi llegali fil-Floriana. Huwa kompla billi fakkar li hu flimkien mal-Kunsilliera shabu kienu jfakkru Jum il-Housing fis-16 ta' Jannar ta' kull sena. Huwa tkellem ukoll dwar il-progett ta' bini ta' appartamenti fi Triq l-Argotti fejn sostna li jkompli jemmen li l-preferenza ghandha dejjem tinghata lin-nies mill-Floriana.

Huwa kompla billi qal li hu membru wkoll fil-Kumitat tar-Riabilitazzjoni tal-Belt Valletta u l-Floriana.

### 3.4 *Kultura u Patrimonju Lokali*

Rigward dan il-qasam il-Kunsillier Edward Torpiano semma s-sehem tieghu fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet bhal Florianafest u l-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat u anke fic-Celebrazzjonijiet ta' Lejliet l-ewwel tas-sena fi Triq Sant'Anna li taghhom. Huwa jaghmel ukoll parti mis-

sotto-kumitati ta' dawn l-istess attivitajiet. Huwa temm billi jirringrazzja lil kull min kien prezenti u lil kull min b'xi mod ta sehemu biex dawn l-attivitajiet ikunu ta' success.

## 4.0 IL-KUNSILLIER VINCENT BORG

Il-Kunsillier Vincent Borg fetah id-diskusjonni billi ta rendikont ta' dak kollu li kien sar f'kull qasam tal-karigi tieghu:-

### 4.1 *Xogholijiet u Infrastruttura*

Il-Kunsillier Vincent Borg beda' billi qal li l-Kunsill kien bhalissa ghaddej bi progett ta' patching tat-toroq tal-lokalita'. Huwa zied jghid li wara li jitlesta l-progett ta' bini ta' appartamenti fi Triq l-Argotti u Triq l-Iljun huwa kien ser jesigi mill-Gvern Centrali biex dawn jigu rrangati mill-aktar fis minhabba li dawn kienu fi stat dizastruz. Il-Kunsillier Borg kompla jghid li l-Kunsill kien qed jiehu hsieb jirranga wkoll dawk il-bankini li kellhom bzonn jigu livellati minhabba li ma setghux jinqalghu.

### 4.2 *Gwardjani lokali, traffiku u parkegg*

Rigward dan il-qasam huwa informa li hu flimkien mal-Kunsilliera shabu kienu qed jaghmlu mill-ahjar li jistghu biex jitnaqqsu l-abbuzi mill-iskema ta' parkegg residenzjali specjalment it-tidwir tal-arloggi. Rigward il-parkegg huwa zied jghid li kienu regghu inzebghu l-marki ta' mal-art bhal yellow lines, ecc.

### 4.3 *Gonna u soft areas*

Rigward dan huwa qal li kien qed iheggeg lill-Environmental Landscape Consortium biex jigu mizrugha iktar fjuri u pjanti fil-gonna tal-Floriana. Huwa kompla billi qal li kienu gew installati kameras ghas-sigurta' fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V biex jitnaqqas il-vandalizmu f'din iz-zona. Il-Kunsillier Borg qal ukoll li z-zona ta' hdejn taht il-forka kienet giet mghoddija lill-iskola Primarja biex fiha jkunu jistghu jithawwlu sigar mkabbra mill-istudenti stess.

### 4.4 *Qasam socjali*

Rigward din il-kariga, il-Kunsillier Borg qal li fl-ahhar gimghat kienet saret rampa fil-Housing Estate biex ir-residenti b'dizabbilta' jkunu moqdija ahjar. Huwa kompla jghid li kien talab lill-Transport Malta biex issir tabella bin-numru tal-vettura hdejn kull reserved parking bay ghad-dizabbli biex jitnaqqas l-abbuz izda din it-talba kienet giet irrifjutata. Huwa temm billi qal li kien fi hsiebu jipproponi li jsiru parkeggi riservati godda ghall-persuni b'dizabbilta' hdejn il-Waterfront kif ukoll fi Triq San Frangisk.

## 5.0 IS-SINDKU NIGEL HOLLAND

Is-Sindku Nigel Holland kompla din il-laqgha billi tkellem dwar il-progetti li l-Kunsill Lokali huwa mistenni li jaghmel fis-sena 2011, fejn fosthom semma:-

- Ix-xoghlijiet fis-Sala tal-Komunita' tad-Dar tal-Kunsill
- L-Arblu fi Triq Sant Anna
- It-Tkomplija ta' xoghlijiet fuq il-bdil ta' bankini f'Balzunetta
- Asfaltar ta' toroq ohrajn
- Major Resurfacing fi Triq l-Argotti u Triq l-Iljun
- Fanali Ornamentali kbar fil-Qasam tad-Djar
- L-Installazjoni ta' *platform lift* fil-bieb tal-Kunsill
- Pavimenti godda fi Triq San Frangisk
- Bdil ta' dawl fi Gnien Vilhena
- Pavimenti u Asfaltar fi Triq il-Miratur
- Xiri ta' Tizjin tal-Milied ghal Triq Sant'Anna
- Alterazzjoni tat-toilets fid-Dar tal-Anzjani
- Sinjali, ecc. ghall-passiggata tal-Floriana Heritage Trail
- Zieda fl-ghamara tat-triq; bins etc.
- Ghamara u fittings ghad-Dar tal-Kunsill
- Applikazzjonijiet ghal kull skema li l-Kunsill ikun eligibbli ghaliha, fosthom l-iskema ghal pannelli fotovoltajici
- Tifkira ghal Perit Alfons Drago li ddizinja t-triq li ghaqqdet lill-Belt Valletta mal-Floriana

Is-Sindku Nigel Holland kompla billi qal li n-nefqa totali stmata ghas-sena li jmiss hija ta' madwar €299,569.

Is-Sindku kompla jinforma lill-pubbliku bl-ammont ta' publikazzjonijiet ta' kotba u CD's li saru mill-Kunsill innifsu jew konguntament ma' organizzazzjonijiet ohrajn.

Finalment is-Sindku Nigel Holland stieden lir-residenti biex jaghmlu l-interventi taghhom billi jressqu xi ilmenti, tifhir jew xi suggerimenti ohra ghal gid tal-lokalita'.

Saru xi interventi minn dawk prezenti li fil-qosor huma dawn :

*Joe Testa: Saqsa jekk hux possibli li s-servizz tal-Park n' Ride jibda' jieqaf ukoll il-Floriana u mhux biss il-Belt. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kien diga tkellem ma' Transport Malta dwar dan u kienu accertaw lill-Kunsill li dan kien suppost qieghed isir.*

*Joe Testa: Issuggerixxa li l-Kunsill jinforza l-ligi ghall-hrug tal-annimali specjalment tal-klieb minhabba li hafna kienu qed johorgu l-annimali taghhom u ma jigbrux il-hmieg minn warajhom. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kien ser jiehu hsieb jerga' jgib green wardens biex dan jigi nfurzat.*

*Ninette Chetcuti: Saqsiet jekk il-Floriana hiex imnizzla mal-lista ta' postijiet turistici minhabba li thoss li t-turisti li jzuru l-Floriana jaghmlu dan*

*accidentalment u mhux intenzjonalment. Is-Sindku wiegeb li fil-fatt il-Floriana hija mnizzla bhala lokalita' turistika izda nforma li kienu t-tour operators li jiddeciedu fejn ser jiehdu lit-turisti. Huwa zied jghid li l-attivitajier organizzati mill-Kunsill, il-pubblikazzjoni tal-Floriana Heritage Trail kif ukoll it-twahhil ta' information panels kienu ser jghinu biex it-turisti jkunu jafu bil-lokalita' anke minhabba li il-kotba tal-Floriana Heritage Trail tqassmu f'hotels principali fil-Floriana.*

*Ninette Chetcuti: Awgurat lill-Kunsill ta' l-inizjattiva li ha fil-Floriana Heritage Trail u fl-attivita' ta' Genna ta' gonna… u hafna aktar!! Hija talbet li l-gonna tal-lokalita' jigu ddekorati bid-dawl fil-hinijiet ta' filghaxija dan biex ikun hemm atmosfera isbah. Is-Sindku wiegeb li dan kien jirrikjedi spiza kbira izda kien ser jiehu dan is-suggeriment in konsiderazzjoni.*

*Mary Dimech: Awgurat lill-Kunsill tal-inizjattiva li ha fl-organizzazzjoni tac-Celebrazzjonijiet ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena izda talbet li l-attivita' tispicca fis-1am minflok fis-2am minhabba l-istorbju tal-muzika. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li kien ser jaghmel minn kollox biex fis-snin li gejjin is-sound jitbaxxa f'dawk il-hinijiet.*

*Mary Dimech: issuggeriet li jinghata t-tarmac fit-telgha li hemm hdejn il-polyclinic minhabba li din qeghda fi stat gravi. Is-Sindku wiegeb li din ser titnizzel mal-lista ta' toroq fi bzonn ta' patching. Huwa zied jghid li l-patching jiswa' hafna flus anke minhabba l-fatt li l-Kunsill kien iddecieda li minflok jimla' l-hofor, jinghata t-tarmac minn bankina sa bankina.*

*Mary Dimech: issuggeriet li jsir passagg li jaghti ghall-Cat Cafe li hemm faccata tad-Dar tal-Kunsill. Is-Sindku wiegeb li dan is-suggeriment kien ser jintlaqa' u kien se jsir mill-ahjar biex dan jitwettaq minnufih.*

*Davina Sammut: ilmentat li fi Triq is-Suq ma gietx moghtija it-tarmac it-tul kollu. Is-Sindku wiegeb li fil-parti ta' din it-triq fejn ma sarx tarmac kienet ser tinqala' minhabba xoghlijiet ta' trinka mill-Enemalta. Huwa kompla li l-Kunsill jaghzel partijiet li jkollhom l-aktar bzonn li izda b'dan il-programm ghandhom isiru hafna toroq.*

*Joe Hili: saqsa rigward il-budget tal-Kunsill u kemm kien idahhal il-Kunsill mic-citazzjonijiet. Huwa kompla billi jistaqsi dwar min kien ser jiddeciedi kif ser jitqassmu il-fondi li jingabru lir-regjuni differenti. Is-Sindku wiegeb li din il-procedura giet deciza bir-riforma tal-Kunsilli Lokali. Huwa kompla billi jiggarantixxi li kien ser jibqa' jissielet biex minn din il-procedura gdida, il-Kunsill jibbenefika kemm jista'.*

*Joe Hili: saqsa rigward il-Housing Estate fejn dan l-ahhar hareg fond biex il-Kunsilli jiehdu hsieb il-Housing Estates. Is-Sindku wiegeb s'issa inharget skema biex jsir xi xoghol mad-dawra tal-Housing Estates, fejn il-Kunsill applika biex issir il-manutenzjoni tad-dawl ta' Gnien Vilhena li jaghmel ma' Binja Vilhena. Is-Sindku kompla li l-Gvern habbar li ser tinhareg skema dwar manutenzjoni tal-komun ta' oqsma tal-gvern li izda tali skema ghadha ma hargitx.*

*Joe Hili: kompla jaghmel riferenza ghall-aspett turistiku u awgura lill-Kunsill tal-inizjattivi tieghu f'dan il-qasam izda insista biex isir sforz ikbar biex lit-turisti nigbduhom lejn il-lokalita' billi per ezempju l-Kunsill jimpjega studenti fis-sajf li jqassmu l-kotba tal-Floriana Heritage Trail hdejn il-cruise liners fil-Valletta Waterfront. Is-Sindku wiegeb li din kienet idea tajba u li l-Kunsill kien ser jikkunsidraha fil-pjanijiet tieghu. Huwa zied jghid l-Kunsill kien anke gie avvicinat mill-Viset fejn talbu lill-Kunsill jipprovdilhom ftit minn dawn il-kotba biex jitqassmu fil-Waterfront minnhom stess.*

*Joe Hili: awgura lill-Kunsill fl-organizzazzjoni tal-attivita' ta' Genna ta' gonna… u hafna aktar!! izda ssuggerixxa li din l-attivita' ssir fi zmien iehor biex il-gonna jkunu fl-ahjar taghhom. Is-Sindku wiegeb li ghalkemm ikun idejali li din issir fir-Rebbiegha, il-Kunsill kien mimli b'attivitajiet sax-xhur tas-Sajf u ghalhekk kien kemmxejn difficli li din tigi organizzata f'dawn ix-xhur daqstant biezlin. Il-Vici-Sindku zied jghid li apparti li l-Kunsill ikun mimli b'hafna attivitajiet, irid anke jittiehed in konsiderazzjoni l-kalendarju nazzjonali ta' attivitajiet u li possibilment l-attivita' ma tikkoincidiex ma' attivitajiet ohra mtellghin f'lokalitajiet differenti.*

*Charles Saliba: issuggerixxa li ssir xi haga biex tinstab soluzzjoni dwar l-invazjoni ta' hamiem fil-lokalita' tal-Floriana. Is-Sindku informa li jaqbel li din kienet qed issir problema u assigura li sahansitra kienu nghataw citazzjonijiet mill-gwardjani lokali lil min kien qed jinqabad jitma' l-hamiem.*

*Albert Mockridge: ilmenta dwar il-gbir ta' skart minhabba li kien hemm drabi fejn il-kuntrattur kien naqas milli jigbor l-iskart. Is-Sindku wiegeb li kien importanti li l-iskart jithalla quddiem il-bieb u mhux jigi akkumulat f'kantunieri kif ukoll li l-iskart ma jinharigx filghaxija izda jinhareg filghodu qabel jingabar. Huwa kompla billi jghid li kien ser jiehu l-azzjoni necessarja biex l-iskart jibda' jingabar kuljum u minn kullimkien u li fil-jiem li gejjin kienet ser tintbaghat cirkolari lir-residenti kollha bid-dettalji dwar din il-materja.*

*Vince Cremona: ilmenta li fi Triq il-Miratur kienu qed jidhlu hafna karozzi wrong way u anke kien qed ikun hemm grupp ta' zghazagh li jingabru f'din it-triq u jhallu hafna hmieg warajhom. Is-Sindku wiegeb li kien gibed l-attenzjoni tal-Pulizija kemm il-darba u kien ser ikompli jaghmel dan.*

*Vince Cremona: kompla jilmenta dwar it-tidwir tal-arloggi u l-abbuz li kien qed ikun hemm mis-sistema. Is-Sindku wiegeb li l-gwardjani lokali kienu qed jaghmlu xogholhom u kienu qed jinhargu hafna citazzjonijiet. Il-Kunsillier Vincent Borg zied jghid li t-tabelli ghandhom ikunu iktar cari minhabba li hafna kellhom percezzjoni differenti ta' kif inhi l-ligi u ma kienux qed jifhmu l-procedura. Huwa kompla jghid li l-gwardjani kienu sahansitra qed jiehdu l-hinijiet tal-vetturi pparkjati biex jitnaqqas l-abbuz.*

*Joe Hili: fakkar dwar il-bring-in sites tat-Telgha tal-Kurcifiss u hass li dawn m'humiex posthom hemmhekk minhabba li din it-triq tintuza hafna mit-turisti u l-hmieg li jakkumula madwarhom qed ikun eye-sore kbira. Il-Vici-Sindku wiegeb li dan is-suggeriment kien ser jigi mghoddi lil-Wasterserv.*

Is-Sindku Nigel Holland, f'isem il-Kunsill Lokali Floriana rringrazzja lir-residenti tal-attendenza taghhom.

**Tmiem il-laqgha:**

Il-laqgha ntemmet fid-9.15p.m

Nigel Holland<br>Sindku

Kenneth Brincat<br>Segretarju Ezekuttiv